ID-DIPARTIMENT GĦALL-KURRIKULU,
TAGĦLIM TUL IL-ĦAJJA U IMPJEGABILITÀ
Id-Direttorat għall-Programmi ta' Tagħlim u Assessjar
It-Taqsima tal-Assessjar Edukattiv

L-Eżamijiet Annwali għall-Iskejjel Sekondarji 2022

S

ID-DISA' SENA L-ISTUDJI SOĊJALI (*ĠENERALI*) L-ISKEMA TAL-MARKI

Taqsima A

1. ħlejqa	2. lokali	3. koeżjoni	4. sehemhom	5. rwol
6. responsabbiltajiet	7. parteċipazzjoni	8. edukattivi	9. privati	10. problemi

(2 marki x 10 = 20 marka)

Taqsima B

1. c	2. c	3. b	4. b	5. c
6. b	7. a	8. b	9. c	10. b

(2 marki x 10 = 20marka)

Taqsima C

Mistoqsija	Marka	Tweġiba
		Dawn it-tweġibiet huma biss indikattivi. Kull opinjoni oħra relevanti u valida għandha tkun aċċettata.
1.	2,2,2,2 (8)	Lingwa, Drawwiet, Reliġjon/Valuri u Teknoloġija
2.	4,2 (6)	In-normi soċjali huma regoli mhux miktuba li ġew stabbiliti mill-bniedem matul iż-żminijiet bil-għan li jġibu xi forma ta' dixxiplina fuq l-aġir tal-bniedem. Normalment mhumiex legalment/ formalment sanzjonati. Però huma meqjusa bħala neċessarji fis-soċjetà għal relazzjonijiet soċjali b'saħħithom u anke biex ikun hemm kontroll soċjali. It-tendenza fil-bniedem hija li jinsa jagħmel dmiru u li jirrispetta d-drittijiet ta' ħaddieħor. B'hekk in-normi jikkontrollaw imġiba tal-bniedem li mhux dejjem hija aċċettabbli. Bħala riżultat meta kulħadd jibda jirrispetta lil kulħadd, ikun hemm anqas riżentiment u ġlied, u dan iwassal għall-koeżjoni soċjali. Fl-istess ħin, is-soċjetà tkun qed timxi fl-istess direzzjoni b'anqas nies li jiddevjaw min-normi. *L-istudenti jistgħu jsemmu eżempju minn:* li ma ndejjaqx lill-ġirien b'azzjonijiet tedjanti; ma ngħajjatx; ma ninkix.

3.	2,4 (6)	Iva. Ta' spiss nitkellmu fuq bidliet soċjali. Dawn jirreferu wkoll għall-bidliet fl-attitudnijiet tan-nies, normi u valuri. *L-istudenti jistgħu jsemmu eżempju ta' bdil fin-normi minn:* kif il-mara tiġi meqjusa fis-soċjetà; il-libertajiet u unjonijiet ċivili; l-etikett / regoli ta' mġiba.
4.	4	Soċjetà multikulturali hija waħda fejn gruppi kulturali u razzjali differenti huma inklużi mis-soċjetà dominanti, għandhom drittijiet u opportunitajiet indaqs; mhumiex injorati jew meqjusa mhux importanti; jingħataw valur għall-kapaċitajiet u l-kontribuzzjoni tagħhom.
5.	2,3 (5)	Iva. Il-barranin huma rikonoxxuti bħala essenzjali fis-settur tal-impjiegi, edukazzjoni hija mogħtija lil kulħadd u mfassla biex tinkludi lil min mhux Malti; legalment ma tistax issir diskriminazzjoni fuq bażi ta' kultura. Ir-reliġjonijiet kollha huma tollerati f'pajjiżna, fil-fatt issib diversi tipi ta' postijiet ta' talb bħal knejjes u moskea. Issib ukoll diversi numri ta' ristoranti li jbigħu ikel tradizzjonali minn pajjiżi differenti madwar id-dinja.
6.	2,2 (4)	*L-istudenti jistgħu jsemmu tliet eżempji minn:* is-soċjetà tkun aktar varjata u interessanti; in-nies jitgħallmu japprezzaw u jgħixu ma' min hu differenti minnhom; hekk kif kulturi differenti għandhom stil ta' ħajja differenti, jinħolqu opportunitajiet għal kif affarijiet jistgħu jsiru differenti bħal ngħidu aħna l-ikel, il-mużika jew letteratura.

(35 marka)

Taqsima D

Fil-paragrafu, l-istudenti għandhom juru li jafu s-suġġett, jagħtu definizzjonijiet ċari u joħorġu b'ideat rilevanti. IL-25 marka jitqassmu kif ġej:

20-25 – Tajjeb ħafna
15-19 – Tajjeb
12-14 – Mhux ħażin
0 - 11 – Mhux tajjeb

Mistoqsija	Marka	Tweġiba *Kull tweġiba oħra relevanti għandha tiġi aċċettata.*
1.	25	Bħala persuna tal-lokal għandi numru ta' responsabbiltajiet x'naqdi u valuri x'nipprattika. Fosthom: • nobdi u nirrispetta l-liġi u l-awtorità; • nagħraf u nirrispetta d-drittijiet tal-oħrajn; • nittratta lill-oħrajn b'ġustizzja; • ngħix b'mod responsabbli u ma nipperikolax il-ħajja tal-oħrajn; • ngħin u nipproteġi lill-familja tiegħi; • nirrispetta u ngħin biex nippreserva l-ambjent; • nittratta lill-oħrajn irrispettivament mill-ġeneru, ġens, razza, reliġjon, diżabilità jew orjentazzjoni sesswali; • ngħin lill-oħrajn; • nivvota fl-elezzjonijiet lokali u nazzjonali meta jkolli l-età;

		• inkun ġar tajjeb; • ninvolvi ruħi f'attivitajiet tal-lokalità; • ngħin fis-servizzi lokali.
2.	25	Il-kalendarju kulturali Malti u anke dak individwali u familjari, huwa mżewwaq b'ċelebrazzjonijiet u avvenimenti. Fost dawn insibu dawk reliġjużi: il-festa tal-lokalità; ċelebrazzjonijiet matul is-sena bħall-Milied, l-Għid, festi oħra ta' matul is-sena bħal San Pawl, San Ġużepp jew l-Imnarja u l-Vitorja. Fuq bażi familjari, għandna l-magħmudija, preċett u żwieġ bil-knisja. Ċelebrazzjonijiet mhux reliġjużi: bħall-karnival, kunċerti u festivals; avvenimenti sportivi: ir-regatta f'Jum il-Ħelsien, tiġrijiet taż-żwiemel u sports ieħor fuq livell nazzjonali Ċelebrazzjonijiet familjari: jum il-gradwazzjoni, festini f'għeluq snin xi ħadd, baby shower, quċċija, farewell u anniversarji. Dawn iċ-ċelebrazzjonijiet u avvenimenti ħafna drabi jegħlbu d-differenzi li jeżistu bejn iċ-ċittadini fosthom dawk politiċi. Dawn iċ-ċelebrazzjonijiet iqarrbu nies u anke familji li jistgħu ikunu mifrudin. Il-kultura ssaħħaħ l-identitajiet lokali u tgħin biex tħossok tagħmel parti mis-soċjetà (*sense of belonging)*. Dawn iċ-ċelebrazzjonijiet jippromwovu parteċipazzjoni kulturali u għalhekk iwasslu għal soċjetà aktar inklussiva u magħquda.
3.	25	Fil-proċess ta' soċjalizzazzjoni nitgħallmu xi mġiba hija jew mhix aċċettata fis-soċjetà. Għalhekk, minn ċkunitna, bil-mod il-mod u pass pass, nitgħallmu n-normi u l-valuri. Normi huma regoli/ liġijiet/ linji gwida ta' mġiba li timponi soċjetà, li mhux bilfors ikunu miktubin u li għandhom l-għan li tinżamm l-ordni, il-ftehim u l-paċi. Mhumiex infurzati legalment, eż li żżomm il-kjù, li tħalli lil min joħroġ minn kamra qabel ma tidħol, li tiekol bil-furketta u s-sikkina, li ma titkellimx bl-ikel f'ħalqek u *dresscodes*. Valuri tas-soċjetà (valuri ċiviċi) huma l-prinċipji ta' x'inhu sewwa u ta' x'inhu ħażin u li jsaħħu l-karattru tagħna. Eżempji ta' valuri huma l-paċi, il-maħfra, l-imħabba, rispett lejn l-awtorità, dixxiplina, kontroll fuq l-emozzjonijiet negattivi tagħna, l-ubbidjenza, is-solidarjetà (li tkun konxju u tifhem it-tbatija ta' ħaddiehor, tissimpatizza u tipprova tgħinu). Il-valuri huma ideat komuni jew għanijiet li jridu jinkisbu fil-ħajja. Il-valuri u n-normi jinbidlu minn żmien għall-ieħor f'dik li nirreferu għaliha bħala bidla soċjali. Ir-raġunijiet jistgħu jkunu varji: minħabba bidla fil-liġi, avveniment, djalogu, taħriġ jew bidla fl-attitudni. Eżempji: id-dresscode fuq ħafna postijiet tax-xogħol illum huwa anqas riġidu u l-jeans huwa ttollerat fejn fl-antik kien meqjus bħala lbies tal-ħaddiema

		tal-minjieri; konflitti dari kienu jissolvew bi vjolenza, illum b'diskussjonijiet u ftehim; *child marriages* m'għadhomx aċċettati f'soċjetajiet tal-Punent; l-użu tal-midja soċjali vis-a-vis dak li wieħed jixxerja mal-'*friends*'; *hate speech* u *fakenews* li daħlu f'użu ta' kuljum.

Total: 100 marka